MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2006

Appell Civili Numru. 2/2005

**Tonio Calleja**

**vs**

**Vitafoam Limited**

**Il-Qorti,**

Fid-19 ta’ Jannar 2005, it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“1. Introduzzjoni

Din il-kwistjoni tax-xoghol giet irreferita lit-Tribunal Industrijali permezz ta’ Rikors ipprezentat fir-Registru tal-Qrati Superjuri fid-9 ta’ Lulju 2004 biex jigi pprocessat mit-Tribunal Industrijali skond it-termini ta’ l-Att XXII tas-sena 2002 dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.

L-appellant is-Sur Tonio Calleja kien assistit mill-Avv Dr Godwin Muscat Azzopardi u l-Avv Dr James Muscat Azzopardi u s-socjeta` intimata kienet rapprezentata mis-Sur Vincent Calleja assistiti mill-Avv Dr Richard Galea Debono.

It-Tribunal zamm sitt (6) seduti.

2. Xhieda

Tul is-smiegh tal-kaz xhedu s-segwenti individwi:

| | |
|---|---|
| L-appellant | Tonio Calleja |
| Vincent Calleja | Managing Director |
| Austin Demajo | Awditur ta' Grant Thornton |
| Maria Spiteri | Direttura |
| Joseph Calleja | Shareholder u Direttur |

3. Dokumenti

Tul is-smiegh tal-kwistjoni gew esebiti u pprezentati diversi dokumenti.

4. Il-Fatti

L-appellant Tonio Calleja kien impjegat mal-Vitafoam Limited fis-16 ta' Dicembru 1974 u safa ssensjat fit-30 ta' Marzu 2004 abbazi ta' "redundancy". Huwa kellu salarju ta' Lm415 fix-xahar pero' l-*gross pay* kien madwar Lm500 fix-xahar.

5. Kunsiderazzjonijiet

Jibda t-Tribunal Industrijali biex jiddikjara li l-karigu tieghu hu biex jiddeciedi jekk ir-raguni tat-terminazzjoni ta' l-impieg ta' Tonio Calleja kinitx iggustifikata jew le fis-sens li r-raguni sottomessa mis-socjeta` kienet ta' "Redundancy".

Il-kompitu tat-Tribunal huwa li jikkunsidra u jiddeciedi jekk din ir-raguni gietx ippruvata ghas-sodisfazzjon tieghu.

Per necessita t-Tribunal kellu jisma' l-argumenti kollha favur u kontra, anke jekk dawn jistghu jirrizultaw li huma irrelevanti ghal-kaz. Dawn kienu sottomessi generalment mill-appellant fl-allegazzjoni tieghu li ma safax issensjat minhabba "redundancy" izda in segwitu ta' azzjoni vendikattiva mis-socjeta` konnessa ma' proceduri ulterjuri quddiem Qorti ohra rigward ta' konflitt bejn membri ta' l-istess familja li jimmanigjaw is-socjeta`.

It-Tribunal irid jirrimarka li ghalkemm galadarba l-kaz gie riferit lilu ghall-kunsiderazzjoni u d-decizjoni tieghu, jidhirlu li tkun xi tkun id-decizjoni tieghu din bl-ebda mod ma ghandha tirrifletti li wahda jew l-ohra tal-partijiet ghandhom ragun fil-kaz quddiem Qorti ohra anzi jzid jirrimarka li kien ikun aktar ghaqli kieku l-partijiet waslu biex jirrizolvu d-disgwid ta' bejniethom amikevolment minghajr il-htiega ta' proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali.

It-Tribunal irid jiddikjara, ghax fuq dan il-punt gie mitlub, jekk il-fatt li l-appellant thallas mis-socjeta il-hlas kollu inkluz in-*Notice Money* dovut lilu kienx jikkonferma li l-appellant kien accetta t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu minn mas-socjeta.

F' dan ir-rigward it-Tribunal irid ifakkar li f' kazi simili precedenti iddikjara li l-hlas ta' pagi u beneficcji ohra dovuti kif ukoll il-firma ta' l-appellant fuq il-formola ta' l-ETC bl-ebda mod ma ghandha titqies li l-appellant ikun qieghed jikkonferma u jaccetta t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu kemm-il darba dan jidhirlu li t-tkeccija tieghu kienet ingusta.

Del resto kif kien impjegat l-appellant, cioe' jekk kienx impjegat manigerjali, jew bhala staff, kienx "first in last out" ma jistax jghinu lit-Tribunal biex jikkunsidra u jiddeciedi jekk ir-raguni ta' "Redundancy" migjuba mis-socjeta` gietx ippruvata jew le.

F' dan ir-rigward it-Tribunal sema' ix-xhieda ta' l-awditur u ra r-rendikonti jew l-*accounts* tas-socjeta` mill-Awdituri Grant Thornton sas-sena 2003. Harsa lejn dawn l-

*accounts* jindikaw storja twila ta' telf *(loss position)* allarmanti b'eccezzjoni unika ta' profit ta' Lm1,700 ghas-sena 2002. It-Tribunal sema' lill-appellant jirreteni li r-raguni ta' "Redundancy" fil-kaz tieghu kienet biss skuza biex jehilsu minnu u jitterminawlu l-impieg izda t-Tribunal jinnota li fl-ebda stadju ma kkontesta l-i*statement of account* jew gab provi li l-figuri pprezentati tal-*profit & loss accounts* ma kienux rejali specjalment meta kien f' pozizzjoni bhala Direttur ta' l-istess socjeta li jinvestiga l-pozizzjoni finanzjarja tas-socjeta`.

It-Tribunal Industrijali huwa aktar interessat mill-*accounts* ghal dawn l-ahhar tliet (3) snin li juru zbilanc ta' telf salv sena wahda li kien hemm *return* ta' qliegh ta' Lm1,700 fis-sena 2002.

It-Tribunal Industrijali ra wkoll il-minuti tas-seduta tal-15 ta' Jannar 2004 tal-Bord tad-Diretturi tas-socjeta` fejn gie deciz li jsir "restructuring".

It-Tribunal Industrijali jinnota li l-i*statement of accounts* ma gewx ikkontestati mill-appellant ghajr li saret referenza ghall-qliegh dikjarat ghas-sena 2002.

Finalment it-Tribunal innota li l-appellant ma kienx l-uniku persuna li sfat illicenzjata ghax gie mitmum ukoll l-impieg ta' certu Joseph Spiteri, li kien meqjus fl-istess livell ta' l-appellant.

Decizjoni

Wara lit-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-i*statements of case* tal-partijiet, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti, sema' u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotta, sema', ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali tal-partijiet, isib u jiddeciedi, dejjem fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet tieghu citati hawn fuq, li peress li fil-fehma meqjusa tat-Tribunal, il-kaz jikkwalifika bhala "redundancy" it-Tribunal Industrijali hu prekluz li jisma' u jikkunsidra l-kaz ta' l-appellant dwar it-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu minn mas-socjeta appellata.

Ghal finijiet ta' drittijiet li jithallsu, it-Tribunal Industrijali qieghed jiffissa dawn fl-ammont ta' Erbghin Liri Maltin (Lm40) lil kull wiehed mid-difensuri li assistew lill-partijiet.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol."

Ir-rikorrenti Tonio Calleja appella minn din is-sentenza bl-aggravju li jikkontesta lit-Tribunal Industrijali dak li hu jsejjah applikazzjoni hazina tal-ligi taht tliet aspetti, u cjoe li t-Tribunal:-

(i) naqas li jinvestiga jekk it-terminazzjoni kienetx verament wahda ta' *redundancy* u mhux ghal xi raguni ohra;
(ii) injora l-principju tal-"*last in first out*";
(iii) naqas li jirrigwarda l-kwestjoni mill-ottika tad-diskriminazzjoni;

Fit-twegiba taghha s-socjeta` appellata ssollevat preliminarjament l-irritwalita` ta' l-appell in kwantu mhux bazat fuq punt ta' dritt deciz mit-Tribunal. Fir-rigward tal-mertu ta' kull wiehed mill-ilmenti hawn fuq riprodotti gie minnha sottomess *seriatim* is-segwenti:-

(a) Kull ma ghamel it-tribunal kien purament li jara jekk kienx hemm il-fatt tar-*redundancy*, o meno;
(b) Dan l-ilment ma kienx inkorporat fit-"*terms of remit*". Inoltre, il-provi ma jsostnux li kien hemm ksur tal-principju *de quo*;
(c) Il-provi in korroborazzjoni tat-tielet ilment kienu ghal kollox negligibbli;

Premessi l-ilmenti ta' l-appellant u r-risposta tas-socjeta` appellata ghalihom, jibda biex jigi registrat, in kontemplazzjoni tal-pregudizzjali preliminari sollevata, illi s-subinciz (3) ta' l-Artikolu 82 tal-Kapitolu 452 tal-ligijiet jakkorda d-dritt ta' appell lil din il-Qorti mis-sentenza tat-Tribunal "<u>fuq punt ta' ligi</u>". Jigi osservat li din id-disposizzjoni ma tghidx ukoll illi l-punt ta' ligi irid ikun deciz

mit-Tribunal fis-sentenza, kif hekk, inversament, jaghmlu, ad ezempju, l-Artikolu 15 (2) ta’ l-Att dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp (Kapitolu 356) u l-Artikolu 24 (b) ta’ l-att dwar it-Tigdid tal-Kiri ta’ Bini (Kapitolu 69). Li jfisser, allura, illi kif bosta drabi ohra ritenut u ripetut, “huwa sufficcjenti li l-punt ta’ ligi li fuqu jsir l-appell jirrizulta involut jew *impliciter* fid-decizjoni, in kwantu din tkun ittiehdet bis-sahha tal-principju interpretattiv tal-ligi li l-appellant jikkontesta” (**Kollez. Vol. XL P I p 137**). Il-Qorti trid allura tinvestiga u tanalizza jekk l-aggravju huwiex fondat fuq punt ta’ ligi jew huwiex sempliciment pretest biex jigi introdott appell mid-decizjoni;

Affermat dan, f’ materjal ta’ terminazzjoni ta’ impjieg ghal zmien indeterminat, il-legislazzjoni specjali taghna fuq din il-materja tipprovdi, in bazi ghall-principju tal-liberalita`, id-dritt tar-recess mir-rapport tax-xoghol. Dan japplika b’ mod ugwali tant ghall-principal kif ukoll ghall-impjegat. Hi, di fatti, regola generali stabbilita fis-subinciz (3) ta’ l-Artikolu 36 ta’ l-Att XXII ta’ l-2002 illi, prevja preavviz, kif specifikat mill-istess ligi (subinciz 5), fil-kaz ta’ kuntratt ta’ servizz ghal zmien bla limitu l-impjegat jista’ jtemm l-impjieg tieghu, anke minghajr ma jaghti ebda raguni. Tali dritt hu konsentit ukoll lil min ihaddem ghall-kaz ta’ *redundancy* biss;

Kif jidher, imbaghad, li hu wisq logiku l-istess legislazzjoni specjali tikkonferixxi wkoll id-dritt, minghajr il-htiega ta’ preavviz jew tal-hlas preskritt fis-subincizi (10), (11) u (12), illi l-impjegat jirrilaxxja l-impjieg, u l-principal jillicenzja l-impjegat tieghu, ghal “raguni tajba u bizzejjed” biex dak l-impjegat jitlaq mis-servizz, jew jintbaghat ‘il barra. Din ir-“raguni tajba” necessarjament tirrapprezenta l-presuppost sostanzjali tal-legittimita` tad-dimissjoni mill-impjegat jew tal-licenzjament mill-principal;

Ferma din l-osservazzjoni, jirrizulta mill-kontenut tar-rikors u tad-Dikjarazzjoni tal-Kaz quddiem it-Tribunal, illi l-appellanti gab ‘il quddiem bhala motiv ghall-impunjattiva

tieghu tat-temm ta' impjieg fuq dik il-bazi illi s-socjeta` appellata agixxiet b' ritorsjoni kontra tieghu ghax missieru fetah proceduri kontra Vincent Calleja, Managing Director tas-socjeta`. Huwa ghalhekk, b' dan il-motiv, qed jikkontendi li r-*redundancy* ma kienetx genwina u, anzi, kienet timmaskera raguni ulterjuri u illegittima. Allegazzjoni din li giet assidwament ikkontestata mis-socjeta` appellata kemm fl-Istqarrija tal-Kaz taghha, kif ukoll fil-kors tat-trattazzjoni tal-kaz quddiem it-Tribunal;

Fuq il-fatti, orali u dokumentali, prezentati quddiemu, it-Tribunal sab illi r-raguni dedotta tar-*redundancy* kienet wahda gusitifikata u serja bizzejjed biex tikkonduci ghat-temm ta' l-impjieg. Fil-parti razzjonali tas-sentenza t-Tribunal irrefera ghall-*accounts* tal-kumpanija u d-deposizzjoni ta' l-Awditur taghha, biex ikkonkluda li l-versjoni ta' l-istess socjeta` kienet wahda attendibbli u konvincenti. Dejjem fuq l-indagini tieghu tal-fatti probatorji u tas-sottomissjonijiet li sarulu, it-Tribunal iddetermina li dik il-versjoni kellha tigi abbraccjata. Dan anke ghaliex, kif minnu rimarkat, l-appellant ma gab ebda provi li jikkontestaw il-qaghda finanzjarja reali tal-kumpanija, kif raffigurata fil-"*profit and loss accounts*";

Din il-Qorti irriezaminat l-inkartament kollu tal-kaz, kompriz id-dokumenti esebiti, u jkollha taqbel mat-Tribunal li l-aspetti tieghu jimmanifestaw sitwazzjoni ta' "*genuine redundancy*" kif illustrata u mfissra f' bosta decizjonijiet ta' l-istess Tribunal; ad ezempju "**Imperia Avellino -vs- Eden *Foundation***" (Award Nru. 1043, 14 ta' Gunju 1999). Din ir-*redundancy* kienet tassew ispirata minn motiv serju ta' "*restructuring*" tal-kumpanija u nieqsa minn xi influwenza ta' indoli personali u diskriminatorji, bil-kontra ta' dak adducit mill-appellanti. Ikollu jinghad ghalhekk illi filwaqt li s-socjeta` appellata rnexxielha tiddisimpenja ruhha mill-piz tal-prova inkombenti fuqha riferibilment ghar-raguni tat-temm ta' impjieg minhabba *redundancy*, mhux l-istess irnexxielu jaghmel l-appellanti, biex jikkontrabbatti l-posizzjoni assunta mill-istess socjeta` appellata u b' hekk jiddemostra l-insussistenza u n-

nuqqas ta' gustifikazzjoni tar-raguni dedotta ghat-temm ta' l-impjieg tieghu. Sewwa, imbaghad, gie rilevat mis-socjeta` appellata illi l-prova ta' l-allegata diskriminazzjoni kienet wahda skarsa, jekk mhux ukoll negligibbli u li, inoltre, l-appellanti mkien ma ddeduca, bhala xi aggravju quddiem it-Tribunal, il-vjolazzjoni tal-principju "*last in first* out";

Jitnissel minn dan kollu illi din il-Qorti ma tarax kif it-Tribunal jista', fic-cirkostanzi singolari ta' dan il-kaz, jigi censurat minn konsiderazzjoniijiet generici ta' xi ksur tal-principji normattivi ta' natura guridika jew li dan ghamel interpretazzjoni bi vjolazzjoni tal-ligi. Pjuttost tosserva illi l-accertamenti li ghamel it-Tribunal tal-fatti deducibbli fil-gudizzju kellhom elementi li jintegraw fil-konkretezza taghhom in-norma tas-subinciz (3) ta' l-Artikolu 36 ta' l-Att. Effettivament, it-Tribunal ghamel biss gudizzju tal-fatti emersi mill-provi, u in kwantu tali, avolja din il-Qorti dehrilha li kellha tirriezaminahom, dak il-gudizzju jibqa' insindakabbli minn din il-Qorti, hekk bazat fuq valutazzjoni tal-provi. Dan ghar-raguni wkoll illi, *qua* Qorti ta' revizjoni, din il-Qorti ma tistax tassumi gurisdizzjoni li l-ligi ma takkordalhiex.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi rigettatat u s-sentenza tat-Tribunal Industrijali, konfermata, bl-ispejjez ta' din l-istanza a kariku ta' l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------